42006D0279

13.4.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 14/37

**DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI**

**tas-6 ta' April 2006**

**li taħtar imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzjatal-Komunitajiet Ewropej**

(2006/279/KE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 223 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 139 tiegħu,

Billi:

Skond l-Artikoli 5 u 7 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u bħala konsegwenza tar-riżenja tas-Sur Antonio LA PERGOLA, għandu jiġi maħtur imħallef għall-perjodu li fadal tal-mandat tas-Sur Antonio LA PERGOLA, jiġifieri sas-6 ta' Ottubru 2006,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sur Antonio TIZZANO huwa b'dan maħtur imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej mid-data tal-ġurament tiegħu sas-6 ta' Ottubru 2006.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, nhar is-6 ta' April 2006.

*Il-President*
G. WOSCHNAGG